



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' April 2019  
(OR. en)

7893/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2019/0025 (NLE)**

---

**ENV 348**  
**ENT 88**  
**ONU 36**  
**CHIMIE 56**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet fir-rigward tal-emendi tal-Annessi A u B għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...**

**ta'...**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea,  
fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet  
fir-rigward tal- emendi tal-Annessi A u B  
għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (il-"Konvenzjoni") daħlet fis-seħħ fis-17 ta' Mejju 2004 u ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE<sup>1</sup>.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> jimplimenta l-Konvenzjoni fl-Unjoni.
- (3) Skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet tista' tinkludi sustanzi kimiċi fl-Annessi A, B u/jew C għall-Konvenzjoni u tispeċifika l-miżuri ta' kontroll relatati li fir-rigward ta' dawk is-sustanzi kimiċi.
- (4) Biex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent minn aktar rilaxxi ta' dikofol, ta' aċidu perfluworoottanju (PFOA), l-imlieħ tiegħu u ta' komposti relatati mal-PFOA, hemm bżonn li jitnaqqsu jew jiġu eliminati l-produzzjoni u l-użu ta' dawk is-sustanzi kimiċi fil-livell globali u li jiġi sostnut l-inklużjoni tagħhom fl-Annessi rilevanti għall-Konvenzjoni. Barra minn hekk, hemm bżonn li jkompli jitnaqqas jew jiġi eliminat l-użu tal-aċidu sulfoniku perfluworoottan (PFOS), l-imlieħ tiegħu u tal-fluworur tas-sulfonil tal-perfluworoottan (PFOSF), billi jiġu emendati jew jitħassru l-iskopijiet aċċettabbli u/jew l-eżenzjonijiet speċifiċi fl-Anness B għall-Konvenzjoni,

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE tal-14 ta' Ottubru 2004 dwar il-konklużjoni, fisem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7).

- (5) Fid-disa' laqgħa tagħha, il-Konferenza tal-Partijiet mistennija tiddeċiedi jekk tinkludix dawk is-sustanzi kimiċi fl-Anness A għall-Konvenzjoni u jekk timmodifikax entrati eżistenti fl-Anness B għall-Konvenzjoni.
- (6) Hu xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet fir-rigward tal-emendi tal-Annessi A u B għall-Konvenzjoni, billi dawk l-emendi jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (il-"Konvenzjoni") , b'konsiderazzjoni debita tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kumitat għar-Reviżjoni ta' Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes, għandha tkun li tappoġġa:

- (a) l-inklużjoni tad-dikofol fl-Anness A għall-Konvenzjoni mingħajr eżenzjonijiet speċifiċi;
- (b) l-inklużjoni tal-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA fl-Anness A għall-Konvenzjoni, inkluż l-introduzzjoni ta' parti [X] ġdida fl-Anness A għall-Konvenzjoni, b'eżenzjonijiet speċifiċi:
  - (i) għall-manifattura ta' semikondutturi jew apparat elettroniku relatat, inkluż għal 10 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi eżenzjoni għal parts ta' rinnovazzjoni għal tagħmir għall-manifattura ta' semikondutturi jew apparat elettroniku relatat;
  - (ii) għall-kisjiet fotografiċi applikati għall-films;
  - (iii) għat-tessili għar-reżistenza għaż-żejt u l-ilma għall-protezzjoni tal-ħaddiema minn likwidi perikolużi li jinvolvu riskji għas-saħħa u s-sikurezza tagħhom;
  - (iv) għall-apparati mediċi invażivi u impjantabbli;

- (v) għall-foam tat-tifi tan-nar għas-soppressjoni ta' fwar tal-fjuwil likwidu u għal nirien tal-fjuwil likwidu diġà f'sistemi installati, inkluż kemm sistemi mobbli kif ukoll dawk fissi;
  - (vi) għall-użu tal-jodur tal-perfluworoottil għall-produzzjoni tal-bromur tal-perfluworoottil bil-għan tal-produzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi sal-2036, soġġett għal rieżami regolari;
- (c) l-emenda tal-paragrafu 3(b) tal-parti [X] tal-Anness A għall-Konvenzjoni dwar il-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA: iż-żieda ta' "L-ittestjar sabiex jiġi vverifikat il-funzjonament tajjeb ta' sistema installata li diġà jkun fiha foam tat-tifi tan-nar li fih jew jista' jkun fih il-PFOA, l-imlieh tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA jista' jkun permess, dment li l-emissjonijiet fl-ambjent jiġu evitati u l-effluwenti miġbura jintremew b'mod li jiġihares l-ambjent, skont l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.";
- (d) it-tħassir tal-"iskopijiet aċċettabbli" li ġejjin mill-entrata dwar l-aċidu sulfoniku tal-perfluworoottan (PFOS) u d-derivattivi tiegħu fl-Anness B għall-Konvenzjoni: l-immaġnijiet fotografiċi, il-kisjiet fotoreżistenti u antiriflessi għas-semikondutturi, l-aġent tal-inċiżjoni għas-semikondutturi komposti u l-filtri taċ-ċeramika, il-fluwidi idrawliċi tal-avjazzjoni, ċerti apparati mediċi (bħas-saffi tal-kopolimeru tat-tetrafluworoetilen tal-etilen (ETFE) u l-produzzjoni tal-ETFE radjuopak, l-apparati mediċi djanjostiċi *in vitro*, u l-filtri tal-kulur tas-CCD);

- (e) it-tħassir tal-"eżenzjonijiet speċifiċi" li ġejjin mill-entrata dwar il-PFOS u d-derivattivi tiegħu fl-Anness B għall-Konvenzjoni: il-maskli fotografiki fl-industrija tas-semikondutturi u tad-displej tal-kristall likwidu (LCD), tal-ippeltjar tal-metall (ippeltjar tal-metall iebes), l-ippeltjar tal-metall (ippeltjar dekorattiv), il-partijiet elettriki u elettroniki għal ċerti stampaturi tal-kulur u magni tal-ikkupjar tal-kulur, l-insettiċidi għall-kontroll ta' *Solenopsis invicta* u ta' termiti, il-produzzjoni taż-żejt bis-sustanzi kimiċi;
- (f) l-emenda tal-"iskop aċċettabbli" għall-PFOS u d-derivattivi tiegħu għall-produzzjoni u għall-użu ta' foam tat-tifi tan-nar għal "eżenzjoni speċifika" għall-użu ta' foam tat-tifi tan-nar għas-soppressjoni ta' fwar tal-fjuwil likwidu u għal nirien tal-fjuwil likwidu;
- (g) l-emenda tal-"iskop aċċettabbli" għall-PFOS u d-derivattivi tiegħu għall-produzzjoni u l-użu għall-ippeltjar tal-metall (ippeltjar ta' metall iebes) f'sistemi ċirkolari magħluqa biss għal "eżenzjoni speċifika" għal dak l-użu;
- (h) l-emenda tal-"iskop aċċettabbli" għall-PFOS u d-derivattivi tiegħu għall-użu f'lixki tal-insetti għall-kontroll ta' nemel li jtaqqab il-weraq minn *Atta* spp. u minn *Acromyrmex* spp. billi jiġi inkluż is-sulfuramid u jiġi speċifikat li l-"iskop aċċettabbli" jkun għall-użu agrikolu biss.

## *Artikolu 2*

Bidliet minuri għall-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu miftiehma, fid-dawl ta' żviluppi fid-disa' laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet , mir-rappreżentanti tal-Unjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, matul laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

## *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---